# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. MHALLEF**

**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta, it-2 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 2**
**Rikors Numru : 26/2013/LSO fl-ismijiet : -**

**Partit Nazzjonalista et.**

**vs**

**Kummissjoni Elettorali et.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-kjamat in kawza sabiex jinghata l-awtorizzazzjoni li jappella mid-digriet ta' din il-Qorti fejn cahdet it-talba ghall-produzzjoni tax-xhud Anthony Gellel fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2016.

Rat ir-risposta tal-Partit Nazzjonalista.

Ikkonsidrat li iktar kmieni fis-seduta tal-lum id-difensuri tal-partijiet l-ohra fil-kawza odjerna rrimettew ruhhom ghad-decizjoni ta' din il-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tallum fejn ir-rikors gie pospost sabiex jinstema' aktar tard illum stess.

**Rat l-art 229(3) tal-Kap 12.**

Tippreciza li l-provi tal-kjamat in kawza gew dikjarati maghluqa fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016 fejn il-kjamat in kawza inghata pre-avviz li kellu jikkonkludi tali provi fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2016.

Illi dan sehh minhabba li l-hin dedikat ghall-provi tal-Partit Laburista sa mis-6 ta' Novembru 2015 ma giex utilizzat sew tant li s-seduti spiccaw ferm qabel il-hin iddedikat ghal dan l-iskop.

Illi mhuwiex preciz ghalhekk li l-kjamat in kawza jghid li ghamel dak li kien hemm bzonn li jsir sabiex ix-xhud Anthony Gellel jitressaq.

Illi tant hu hekk li l-istess Partit Laburista jghid fir-rikors li kellu jinghata l-opportunita' li jressqu fis-seduta tal-lum - jumejn[1] biss wara l-ahhar differiment. Dan isahhah il-konvinciment ta' din il-Qorti li ma sarx dak li kien suppost isir sabiex il-provi jinghalqu, ghaliex jekk il-Partit Laburista llum qed jghid li seta' jressqu b'jumejn biss preavviz, *multo magis* kellu zmien biex isewgih bejn l-ahhar zewg differimenti.

Illi fic-cirkostanzi l-ordni tal-Qorti kienet ddettata mir-regoli ta' procedura li jiggvernaw specjalment f'kawzi kostituzzjonali u minn dettami ta' amministrazzjoni ta' kawza li ma thallix dewmien inutili, bhal ma sehh f'dan il-kaz. Infatti minn ezami tal-atti processwali

[1] Proprjament biss gurnata wahda tax-xoghol billi l-ahhar seduta kien il-Gimgha.

jirrizulta li l-Partit Laburista naqas milli jressaq ix-xhieda tieghu meta kellu l-hin kollu ghad-disposizzjoni tieghu.

Illi tinnota li l-Partit Laburista lanqas indika r-rilevanza tax-xhud imsemmi kemm fl-ahhar seduta kif ukoll fir-rikors odjern. Difatti fis-seduta tad-29 ta’ Jannar 2016 l-istess difensur kien indika li Louis Fsadni kien mehtieg ghaliex kien l-uniku xhud tal-Partit Laburista li seta’ jixhed fuq l-akkadut fit-Tlettax-il Distrett ta’ Ghawdex, b’konsegwenza li din il-Qorti pposponiet is-smigh u fl-ahhar dan ix-xhud instema’. Fir-rigward ta’ Gellel, id-difensur tal-Partit Laburista, mistoqsi llum biex jipprecisa r-rilevanza tieghu, ghazel li ma jaghti l-ebda taghrif.

Ghaldaqstant tichad it-talba *stante* li fic-cirkostanzi mhuwiex gust li tigi milqugha ghar-ragunijiet fuq dedotti.

L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**2 ta’ Frar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**2 ta’ Frar 2016**